MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2006

Numru. 110/2003

PULIZIJA
SPETTUR CARLO ELLUL
VS
JOHN VELLA

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat John Vella, ta’ 55 sena, bin Saviour u Anna nee’ Cauchi, imwieled Hamrun fis-17 ta’ Settembru 1947, u residenti St Rita 75 Flat 1, Triq Nuzzo, Hamrun u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 813047(M), u akkuzat talli bejn is-26 ta’ Dicembru 2001 u t-2 ta’ Jannar 2002, fl-MCP Car Park il-Floriana, ikkommetta serq ta’ vettura FBD971 tal-ghamla Toyota Starlet, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-valur li jeccedi l-elf Lira Maltin (Lm1000), u bix-xorta tal-haga misruqa, u lid an sar meta l-imsemmija vettura kienet taht il-kustodja tal-Gvern ta’ Malta, bi ksur tal-Artikli 261, 267 u 271 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess perjodu f’Malta, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-Artikli elenkati mill-Avukat Generali, taht liema Artikli din il-Qorti tista’ ssib htija fl-imputat.

Rat il-verbal tat-30 ta’ Gunju 2005, fejn l-imputat ma kellux oggezzjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni tas-6 ta’ Gunju 2006, u dik tad-Difiza tal-24 ta’ Lulju 2006.

Ikkunsidrat:-

Mix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni, l-Ispettur Carlo Ellul xehed illi l-karozza tal-imputat li kienet ipparkjata vicin tar-residenza tieghu fid-data, lok u hin citat fic-citazzjoni, kienet giet irmunkata u ghalhekk meta l-imputat mar ifittixha, ma sabhiex. Habib tieghu, ‘mechanic’, infurmah li din kienet giet irmunkata, u ghaldaqstant, huwa tela’ sal-Furjana, talab lill-Attendant jghidlu x’jista’ jaghmel biex johrogha. Dan tah l-informazzjoni li huwa kellu jhallas tlett Liri Maltin (Lm3) sabiex johrogha. L-imputat segwa l-istruzzjonijiet tal-Car Park Attendant tal-MCP Car Park il-Furjana, u ha l-karozza lura. Wara ghaxart ijiem, il-Pulizija nfurmaw **lill-imputat li xi hadd kien seraqlu l-karozza tieghu mill-Car Park il-Furjana**. L-imputat fil-pront, infurmahom illi l-karozza tieghu filfatt kienet qeghda fil-pussess tieghu.

L-Ufficjal Prosekutur xehed illi l-imputat kien kiseb il-pussess tal-karozza tieghu qabel ma hallas il-hamsa u erbghin Lira Maltin (Lm45) lill-Gvern ta’ Malta.

PC 645 Jerry Attard, a fol 11 et seq, ikkonferma illi huwa kien hareg 'ticket' 002151 sabiex tigi rmunkata karozza Toyota Starlet bin-numru tar-registrazzjoni FBD 971, ghaliex din kienet ipparkjata quddiem garaxx. PC 645 xehed illi minn dan il-garaxx kienet filfatt harget karozza. PC 645 xehed illi wara li ta l-ordni biex tigi rmunkata din il-karozza, il-karozza ttiehet fil-Floriana Car Park. PC Attard ikkonferma illi sussegwentement, huwa mar l-ghassa tal-Hamrun sabiex jirregistraha fit-'towing book'.

PC 48 Desmond Desira, kkonferma illi sid il-karozza FBD 971 filfatt ma kienx gie jhallas is-somma ta' hamsa u erbghin Lira Maltin (Lm45) l-ghassa tal-Hamrun wara li l-karozza tieghu giet irmunkata, u esebixxa dokument DD in sostenn ta' dan li jinstab a fol 21 tal-process.

PC 645 Attard, a fol 22 et seq, u PC 48 Desmond Desira, a fol 28 et seq, innegaw li huma kienu kitbu d-dokument DD.

PC 217 Peter Dibbon, a fol 27 et seq, ikkonferma li fit-2 ta' Jannar 2002 huwa kien gie mqabbad mis-Superjuri tieghu biex jiehu l-karozza Toyota Starlet FBD 971 mill-Floriana Car Park u jqeghda fil-kumpless tal-Pulizija f'Ta' Kandja, u dan peress li kien lahaq ghadda certu ammont ta' zmien u sid il-karozza kien ghadu ma hallasx il-mizata fuqha. Izda meta marru l-MCP Car Park il-Floriana, il-karozza ma nstabitx.

Marjohn Farrugia, Car Park Attendant mal-MCP Car Park il-Floriana, a fol 31 et seq, spjega illi meta karozza tigi rmunkata, hija titqieghed fil-parti t'isfel tal-Car Park. Fejn jitpoggew dawn il-karozzi rmunkati, ikun hemm xatba u 'barrier' elettronika. Sid it-'towing truck' kellu d-dover illi jhalli karta li biha wara l-hlas, il-karozza tkun tista' tigi rrilaxxata. Marjohn Farrugia xehed illi f'dan il-kaz:

**'din il-karta ma' gie hadd ghaliha, b'hekk kienu gew il-Pulizija sabiex jehduha Ta' Kandja.'**

Marjohn Farrugia kkonferma li huma ma sabu l-ebda ‘barrier’ imkissra jew sgassata, u spjega li ma kellux ideja kif filfatt sparixxiet din il-karozza mill-Car Park. Farrugia gie muri ‘ticket’ u spjega illi dan kien ‘a lost ticket’, cioe’ li jinxtara minn bniedem li jkun tilef il-biljett tieghu, u meta dan isehh, huwa jhallas tlett Liri Maltin (Lm3) u jkun jista’ johrog il-karozza tieghu. Mitlub jghid jekk hux possibli li permezz ta’ dan il-‘lost ticket’ tigi rrilaxxata karozza li suppost tkun ittowjata, Marjohn Farrugia jghid li dan mhux suppost ikun possibli ghaliex il-karozzi li jkunu rmunkati jitqeghdu mhux semplicement wara ‘barrier’ normali, izda wara xatba msakkra, liema xatba hija moghla sular:

**‘Dan it-‘ticket’ (‘lost ticket’) ma jiftahx il-‘gate’ tat-‘towing’. Dan it-‘ticket’ jiftah il-‘barrier’.’ (ara xhieda a fol 35).**

A fol 39, Marjohn Farrugia xehed illi ma jafx fejn tqeghdet it-Toyota Starlet tal-imputat, u jekk din kinitx fit-‘tow area’ u cioe’ f’livell Minus 6 fejn suppost kienet qeghda msakkra.

Mariella Galea, a fol 46, Manager tal-MCP Car Park tal-Floriana, ikkonfermat il-procedura li jaddottaw id-dirigenti tal-istess Car Park meta karozza tigi rmunkata mill-Pulizija. Din ghandha titqieghed mix-xufier tat-trakk tal-irmunkar gewwa l-livell t’isfel tal-Car Park, jaghlaq u jsakkar il-‘gate’, imbaghad jitla’ u jaghti l-karta tal-karozza lill-Attendant. Rigward is-sistema tal-‘lost ticket’, Mariella Galea xehdet illi dan japplika biss ghal karozza li tkun ipparkjata normalment minn sidha, u ma japplikax ghal karozzi li jkunu rmunkati mill-Pulizija ghax dawn ikunu msakkrin wara xatba.

Spettur Carlo Ellul, a fol 50, in kontro ezami, jafferma illi huwa kien jaf li l-karozza mertu tal-akkuza hija propjeta’ tal-imputat, u stqarr illi Zammit seta’ kien is-Surgent li kien fl-ghassa tal-Pulizija meta l-karozza giet irmunkata.

PC 1468 Saviour Zammit, xehed illi l-imputat kien gie jistaqsi l-ghassa tal-Pulizija jekk kemm-il darba l-karozza tieghu gietx misruqa, li huwa (Zammit) iccekja fil-kotba tal-

ghassa u sab li kienet giet irmunkata, u tah din l-informazzjoni. A fol 87, PC Saviour Zammit xehed illi wara li kienet ittowjata l-karozza tal-imputat u wara li kien ghadda perjodu ta' zmien, il-Pulizija kienu marru biex jiehdu l-karozza mill-Car Park tal-Furjana sal-'compound' pero' l-karozza ma nstabitx, u ghaldaqstant, il-Pulizija kienu baghtu ghall-imputat. L-imputat irrisponda illi huwa kien hallas 'ticket' ta' tlett Liri Maltin (Lm3) jew hames Liri Maltin (Lm5) biex hareg il-karozza mill-Car Park. PC Zammit xehed illi l-imputat ma kienx hallas il-hamsa u erbghin Lira Maltin (Lm45) multa.

L-imputat John Vella, a fol 99 et seq, xehed illi gurnata wara l-Milied, kien hareg bil-karozza pero' meta mar ghaliha ma setax isibha, u habib tieghu, li kellu garaxx faccata tieghu, qallu li kien ra l-karozza diehla fil-Car Park tal-Olympia. Illi ghalhekk, huwa nizel sal-Car Park, sab il-karozza tieghu go bitha, startja l-karozza u harigha, u meta staqsa lill-Attendant, qaltlu li seta' jhallas 'ticket' ta' tlett Liri Maltin (Lm3) sabiex ikun jista' johrog il-karozza. Filfatt huwa hekk ghamel u hareg il-karozza. L-imputat xehed illi sussegwentement, kien ircieva telefonata mill-Pulizija Salvu Zammit li nfurmah illi l-karozza tieghu kienet giet misruqa mill-Car Park tal-Furjana. Hemmhekk, l-imputat spjega l-iskontri li kienu sehhew fl-ghassa tal-Belt, u sussegwentement, harget ic-citazzjoni.

In kontro ezami, l-imputat Vella xehed li huwa kien mar il-Car Park tal-Furjana, beda jfittex il-karozza u kien sabha f'bitha u stqarr illi l-karozza ma kienet bl-ebda mod imsakkra. Meta sab il-karozza, huwa startjaha, iccekja li ma kellhiex hsara, u nizel fil-'ground floor' fejn kien hemm il-'barriers'. Huwa mar ghand l-Attendant sabiex ikun jista' johrog il-karozza u dan infurmah li kellu jhallas tlett Liri Maltin (Lm3) biex jehodha. L-imputat stqarr illi huwa hekk ghamel u tah 'a lost ticket'.

Ikkunsidrat:-

Mill-Artikli elenkati mill-Avukat Generali, jidher b'mod car illi l-imputat gie mixli bir-reat ta' serq tal-vettura tieghu stess, u sussidjarjament, bir-reat ta' ricettazzjoni.

Id-definizzjoni tas-serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hija dik tal-carrara, u cioe':

*'la contrettazione doloza della cosa altrui, fatta 'invito dominio' con animo di farne lucro'.*
(ara Il-Pulizija vs Carmelo Felice, deciza fl-10 ta' Jannar 1942; il-Pulizija vs Pawlu Scicluna et, deciza fid-9 ta' Dicembru 1944 Appell Kriminali).

Jidher li din id-definizzjoni hija wkoll soggetta ghall-interpretazzjonijiet dottrinali u gurisprudenzjali. Infatti, kif gie deciz mill-Qorti Kriminali per Sir George Borg, President, Imhallfin Ganado u Harding, fit-23 ta' Frar 1945, fl-ismijiet R. vs Joseph Degiorgio, dik il-Qorti kienet qalet is-segwenti:

*'Din hija kwistjoni gravi ta' furto di cosa propria, li fuqha d-dottrina hija diskordi…'*
Pero' rriteniet illi:
*'res propria tista' xi minn daqqiet ghal certi kundizzjonijiet guridici, tigi kkunsidrata bhala haga ta' haddiehor meta l-propjetarju, b'effett ta' certi rapporti guridici, ma jkollux id-dispozizzjoni libera tal-haga, kif inhu appuntu l-kaz meta l-haga tkun qeghda b'rahan jew altrimenti sotratta mill-libera disponabbilita' tal-propjetarju…'*

Jista' wkoll jinghad illi t-tendenza legali Ingliza hija wkoll f'dan is-sens (ara Archbold Criminal Pleadings, Evidence and Practice, 1943, Edition, fejn jghid:

*'A man cannot commit larceny of his own goods, unless they be in the hands of the bailee' (at page 597).*

Illi mbaghad, fis-sentenza Appell Kriminali deciza fis-26 t'Awissu 1998, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Anthony Borg Inguanez per Onor. Imhallef Vincent De Geatano, **fejn il-fatti speci tal-kaz kienu pjuttost simili**, u l-Qorti tal-Appell ghamlet ezami dettaljat fuq il-kuncett ta' serq tal-haga propja fejn si tratta ta' 'clamping' u fejn si tratta tat-'towing', u waslet ghall-konkluzjoni illi:

*'Fil-kaz ghalhekk ta' vettura kklampjata, dik il-vettura tkun giet, b'effett tal-volonta' cara tal-legislatur, imnehhija temporanjament mill-libera disponibilita' tas-sid, fis-sens li qabel ma' s-sid ihallas id-dritt jew id-drittijiet dovuti, hu taht ebda cirkostanza, ma jista' jiehu lura dik il-vettura. Sakemm ma jithallasx dak id-dritt jew jithallsu dawk id-drittijiet, il-vettura ghandha titqies, ankorke' temporanjament, altrui ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi tas-serq b'mod li jekk is-sid taghha jaqbad u jehodha biex ikompli jgawdiha, hu jkun qed jikkometti serq. Huwa veru li r-regolamenti in kwistjoni (Avviz Legali 94/1997 dwar Ikklampjar u Tnehhiha ta' Oggetti ta' Ingombru fir-Regolamenti tat-Traffiku), in kwistjoni jipprovdu ghal reat specifiku ta' min jittanta jnehhi jew inehhi l-klampi li jkunu tqeghdu mar-roti, jew jittanta jnehhi jew inehhi l-vettura bil-klampi mqeghda mar-roti taghha (with clamped wheels fit-test Ingliz (Regolament 5 subinciz 1)); izda dan ir-regolament qed jikkontempla mhux l-ipotesi ta' min jippossessa ruhu mill-vettura biex jaghmel uzu minnha qua dominius (f'liema kaz kif diga' nghad jkun hemm is-serq), izda s-sitwazzjoni ta' min ibaghbas mal-klampi jew semplicement icaqlaq vettura bil-klampi mqeghda mar-roti minn post ghal iehor minghajr il-hsieb li jimpussessa ruhu minnha kif inghad;*

*Pero' ghal dak li jirrigwardja vetturi li jkunu gew semplicement irmunkati skond ir-Regolament 3, ma jidhirx li r-regolamenti in dizamina jipprovdu tassattivament li l-vettura ma tistax tigi rritornata lil sidha qabel ma jithallas id-dritt tal-irmonk u tal-hazna. Ma hemm xejn f'dawn ir-regolamenti li jipprekludu lill-Kummissarju milli hekk jirritorna l-vettura, u jekk id-dritt jibqa' ma jithallasx, li jipprocedi civilment ghal dawk id-drittijiet. Fi kliem iehor, il-legislatur jitratta b'mod differenti l-vetturi kklampjati minn dawk li jkunu biss irmunkati, b'mod li ma jistax jinghad li dawn tal-ahhar gew imnehhija b'mod sostanzjali mill-libera disponibilita' tas-sidien taghhom (bhalma hu l-kaz, kif diga' nghad, tal-vetturi kklampjati). Dan jista' jkun nuqqas da parti tal-legislatur, izda din il-Qorti ma tistax tikkolma tali lacuna.*

***Ghalhekk, fil-konfront ta' vettura li tkun giet semplicement irmunkata u mhux ukoll ikklampjata, tali vettura, waqt li tkun fil-pussess tal-Pulizija, ma***

***tistax titqies li tkun altrui ghal finijiet tal-estremi tar-reat ta' serq.'***

Illi fil-kaz in ezami, huwa evidenti illi l-karozza mertu tac-citazzjoni kienet karozza illi giet semplicement irmunkata minghajr ma kienet ikklampjata, u ghalhekk ghal ragunijiet fuq moghtija, ma jistax jinghad illi meta l-imputat mar u ha l-karozza tieghu u telaq biha, jikkonkorrew l-elementi kollha tas-serq.

Illi ghar-rigward tal-akkuza sussidjarja jew alternattiva ta' ricettazzjoni, il-fatti speci tal-kaz certament ma jinkwadrawx ruhhom f'din l-akkuza galadarba l-akkuza ta' serq ma tissussistix.

In vista ta' dan kollu, din il-Qorti ma tarax alternattiva ghajr li ssib lill-imputat mhux hati skond l-akkuza u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------